ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 2

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2023

IT-TMIEN SENA IL-MALTI L-ISKEMA TAL- MARKI

		Il-Marka
	Il-Fehim mis-Smigħ: Vendetta mill-annimali fil-Ġappun **(ma jitnaqqsux marki għal żbalji ortografiċi)**	**10 marki**
	Taħriġ A	
1.	Inkixfu affarijiet li kienu ilhom moħbija s-snin.	**marka**
2.	Meta kienu jitilgħu jfittxu l-faqqiegħ u ħxejjex oħra fuq il-muntanji.	**marka**
3.	13,670	**marka**
4.	Ma jħarsux direttament lejn ix-xadini peress li dawn setgħu jagħmlu għal għajnejhom.	**marka**
5.	rondi regolari mal-bajjiet / għamlet bagi apposta li jarmu ħsejjes ultrasoniċi biex iżommu d-delfini 'l bogħod mill-bajjiet	**2 marki**
	Taħriġ B	
6.	FALZ	**marka**
7.	VERU	**marka**
8.	VERU	**marka**
9.	FALZ	**marka**
	Taqsima A. Il-Fehim mill-Qari	**20 marka**
1.	**ii.** il-belliegħa	**marka**
2.	*Waħda minn:* **LE**, għax kienet tirrispondih bl-istess mod li kien jgħajtilha / kienet tgħid f'qalbha, "Dat-tifel għad xi darba nisirqu!" **IVA**, għax il-belliegħa kienet tistennieh li jaqa' biex tibilgħu (tieklu).	**2 marki**
3.	Nizżel il-barmil biex jimla l-ilma. L-ispaga li kien marbut biha ċediet għall-piż tiegħu bl-ilma.	**marka** **marka**
4.	Il-barmil għadu msaddad f'qiegħ il-bir.	**marka**
5.	Kienet semgħet lil missieru jirrabja miegħu u saret taf li kien qed jaħli l-ħin jilgħab minflok jistudja.	**marka**
6.	Issa s-suldati mhux se jilgħab iktar bihom peress li missieru kien tefagħhomlu fil-bir u allura issa spiċċaw bugħaddasa (taħt l-ilma).	**marka**
7.	Minħabba li meta ħadhulu biex jippruvah, żelaqlu minn idu u nkiser.	**marka**
8.	Kont nara fihom (f'għajnejh) sensiela twila ta' esperjenzi suwed. *(Tingħata marka xorta jekk jikteb "esperjenzi suwed" biss.)*	**marka**

9.	Ħdejn il-ħerża tal-bir.			**marka**
10.	Relazzjoni tajba għax dejjem xtaqet li tgħinu u meta miet bkietu. *(Tingħata marka jekk iwieġeb biss 'Relazzjoni tajba'.)*			**marka**
11.	**a.** jtawwal ilsienu	**b.** tilef sabru	**ċ.** żgħoritu	**3 marki**
12.	**a.** beda jikber	**b.** ħares 'l hemm u 'l hawn / ħares madwaru	**ċ.** malajr malajr	**3 marki**
	MARKI GĦALL-ORTOGRAFIJA / PUNTEĠĠJATURA			
	It-tweġibiet kollha fihom **aktar minn 3 żbalji** tal-ortografija u tal-punteġġjatura.		**0**	**2 marki**
	It-tweġibiet kollha ma fihomx **aktar minn 2 żbalji** tal-ortografija u tal-punteġġjatura.		**1**	
	It-tweġibiet kollha **m'għandhomx żbalji** tal-ortografija u tal-punteġġjatura.		**2**	

	Il-Metalingwa **(F'din it-taqsima, jekk f'xi tweġiba l-istudenti jkollhom żball ortografiku, ma jeħdux il-marka allokata.)**	**10 marki**
1.	ħa jmorru / se jmorru / ser imorru sad- tlitt / tlett ijiem mal- / lill- ħaddiema	**marka** **marka** **marka** **marka**
2.	**a.** Kien sewwieq minn Ħal Safi li rebaħ it-tellieqa tal-kwart ta' mil meta morna **Ħal-Far** / **Ħal Far**	**3 marki** (tingħata nofs marka għal kull żball indikat u nofs marka oħra għall-kelma miktuba tajba)
	b. Kien **baqalu** biss tliet snin biex iġib iċ-ċertifikat tal-pjanu. / **baqagħlu**	
	ċ. Minn **sebejn** siġġu mhux żgur kien fadal ħmistax-il wieħed tajjeb. / **sebgħin**	
3.	Marija staqsiet lil missierha**,** **"**Meta se mmorru ftit sa **K**emmuna**?"** Weġibha, "Fl-aħħar ġimgħa t'Awwissu, u se jiġi magħna z-ziju Leli u l-kuġini." **"**Ara kemm se nieħdu pjaċir mela**!"**	**3 marki** (tingħata nofs marka għal kull sinjal tal-punteġġjatura)
	Taqsima B: Il-Kitba (Ara t-tabella tal-assessjar f'paġna 4.)	**25 marka**
	Taqsima Ċ: IL-Letteratura	**20 marka**
	IL-POEŻIJA	**10 marki**
1.	Apostrofu Dirett / Indirizz Poetiku Permezz tiegħu l-poeta qed jindirizza direttament lill-kewkba ta' filgħaxija u joħloq komunikazzjoni magħha (ikellimha).	**marka** **marka**
2.	**b.** 11-il sillaba endekasillabu	**marka** **marka**
3.	Il-kewkba ta' filgħaxija ġġiegħel lill-bidwi jżarma s-sienja u jinġabar f'daru flimkien mal-bagħal u l-moħriet tiegħu wara ġurnata xogħol.	**marka**

4.	Permezz tad-dawl li tarmi l-kewkba ta' filgħaxija, il-kokka tkun tista' taqbad (tissara, tiġġieled, tikkaċċja) il-firien (il-ġrieden).	**marka**
5.	Għall-furnara (li matul il-lejl joqogħdu jaħmu l-ħobż).	**marka**
6.	Il-poeta fil-poeżija jinnota diversi benefiċċji li jiġu mill-kewkba ta' filgħaxija. Hekk fl-ewwel strofa hu jikteb li tkun hi li tiġbor l-għasafar u l-merħliet u ġġiegħel lill-bidwi jżarma minn xogħlu u jmur lura lejn daru biex jistrieħ. Fit-tieni strofa jsemmi lis-sajjied li joħroġ jaqbad il-ħut bil-lampara u fl-istess ħin il-friefet il-lejl u l-kokka joħorġu għall-kaċċa. Hekk jinħass kuntrast bejn l-ewwel u t-tieni strofa peress li fl-ewwel jinħass l-element ta' mistrieħ u ġabra (irtirar) filwaqt li fit-tieni jinħass element ta' ħruġ u attività li ma ssirx matul il-jum. *(Aċċetta tweġibiet varji li jagħmlu sens u qassam il-marki skont l-ideat.)*	**3 marki**
	IL-PROŻA	**10 marki**
1.	**LE** (l-iskola ma kellhiex għal qalbha l-lingwa tan-nies). Dan peress li skont is-silta min kien jitkellem b'din il-lingwa kien jitqies bħala baxx, ħamallu jew li għadu lura. Min kien jitkellem b'din il-lingwa kien jiġbed fuqu ċerti kastigi. *(Tingħata marka jekk iwieġeb biss 'LE'.)*	**2 marki**
2.	Peress li għand tal-ħaxix kienet tiltaqa' ma' nies li jħaddmu l-lingwa tagħhom sew, li s-Sinjura Jessie ma kinitx kapaċi tifhem, u iktar u iktar titkellem sew biha. Il-mistħija donnha kienet toħroġ iktar meta kien jasal il-mument li fih titkellem mal-bejjiegħa li ħafna drabi jkunu jafu jħaddmu din l-lingwa aħjar minnha. *(Aċċetta raġunijiet varji li jagħmlu sens.)*	**2 marki**
3.	Bl-użu tad-diskors dirett l-awtur qed jagħmel is-sitwazzjoni iktar reali u joħroġ iktar l-attitudni tal-mara speċjalment meta tiġi biex titkellem.	**marka**
4.	Is-silta hija realistika. Għax sitwazzjonijiet flimkien ma' nies bħal dawn jeżistu f'pajjiżna. *(Tingħata marka jekk iwieġeb biss 'Realistika'.)*	**2 marki**
5.	Is-Sinjura Jessie, li niltaqgħu magħha fis-silta, tirrappreżenta lil dawk kollha li jaħsbu li biex imorru tajjeb man-nies u jidhru ta' ċertu livell, jitkellmu b'taħlita ta' Malti u Ingliż. Dan jirriżulta li la jkunu kapaċi jitkellmu l-Malti sewwa u wisq aktar l-Ingliż. Is-Sinjura Jessie tirrappreżenta wkoll lil dawk li jqisu l-lingwa materna tagħhom bħala xi ħaġa sekondarja, bla użu, antikwata u li ma twassal għal imkien, u għalhekk jippreferu joqogħdu lura milli jużawha. Hekk ma jidhrux li għadhom lura jew iktar iktar ta' livell baxx (ħamallu). *(Aċċetta tweġibiet varji li jagħmlu sens u qassam il-marki skont l-ideat.)*	**3 marki**

It-Tqassim tal-Marki għall-Kitba (25 marka)

IL-ĠENERU (2 marki)			
It-tqassim skont kif jitlob il-ġeneru	**0**	**1**	**2**
	Bla tqassim	Ftit tqassim	It-tqassim kollu mistenni
IL-KONTENUT (13-il marka)			
L-iżvilupp tal-ideat	**0-1**	**2-3**	**4-5**
	Ftit ideat u ripetuti bi ftit rabta mat-tema	Għadd ta' ideat b'xi ripetizzjonijiet u marbuta mat-tema mhux dejjem u għalkollox	Ħafna ideat ċari u sodi li jirriflettu s-suġġett minn angoli differenti
Is-sekwenza/koerenza u rabta bejn il-partijiet	**0**	**1**	**2**
	Kitba bla ebda rabta bejn il-partijiet; b'sekwenza ħażina jew ma teżistix	Ftit rabta minkejja li xi drabi ma tkunx ċara jew diretta u mhux dejjem ikun hemm sekwenza ċara	Il-kitba ssegwi minn parti għall-oħra b'mod naturali u b'sekwenza tajba
L-istil	**0**	**1**	
	Bla ebda stil u ma tidhirx li hija kitba	Hemm stil mexxej u li ssegwi tajjeb	
L-espressjoni u l-lessiku	**0**	**1-2**	**3**
	Kitba li ma fihiex espressjonijiet u b'lessiku nieqes	Għadd ta' espressjonijiet u firxa ta' lessiku limitat marbut mat-tema	Kitba mimlija espressjonijiet mexxejja u b'lessiku wiesa'
L-eċċellenza fil-kitba	**0**	**1**	**2**
	Kitba mhux ta' kwalità u oriġinalità	Kitba li tersaq lejn kwalità tajba u l-oriġinalità	Kitba ta' kwalità u oriġinali
IL-METALINGWA (10 marki)			
Il-punteġġjatura	**0**	**1**	**2**
	Bla sinjali bażiċi tal-punteġġjatura	Għadd ta' sinjali bażiċi nieqsa jew użati ħażin	Il-punteġġjatura bażika hija użata tajjeb minkejja xi nuqqasijiet żgħar
Is-sintassi	**0**	**1**	**2**
	Is-sentenzi sempliċi huma nieqsa mill-elementi bażiċi	Użu mħallat tal-binjiet kollha differenti ta' sentenzi bi ftit li xejn żbalji	Użu mħallat tal-binjiet kollha differenti ta' sentenzi bla żbalji
L-ortografija	**0-1**	**2-3**	**4**
	Kitba li fiha bejn 9-12-il żball differenti	Kitba li ma fihiex aktar minn 4-8 żbalji differenti	Kitba li ma fihiex aktar minn 3 żbalji differenti
Il-morfoloġija	**0**	**1**	**2**
	Kitba li fiha ħafna żbalji grammatikali	Kitba li fiha ftit li xejn żbalji grammatikali	Kitba li ma fihiex żbalji grammatikali